MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Numru 477/2014

Il-Pulizija

Spettur Sarah Magri

vs

Dario Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 64180M residenti gewwa r-Rabat akkuzat talli:

1. nhar it-12 ta' April 2014 bejn 19:30hrs u 21:30hrs gewwa Triq il-Lellux, Rabat, volontarjament hassart, ghamilt hsara, jew gharraqt hwejjeg mobbli ta' Anthony Borg u/jew persuna/I ohra u cioe' vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni GBL 915, liema hsara tammonta ghal aktar minn €1164.67;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunajt feriti ta'natura hafifa fuq il-persuna ta' Joanna Azzopardi skond kif iccertifikat minn Dr. P. Scarrow Med No. 3112 tal-isptar Mater Dei;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghidt fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghek kkagunajt lil haddiehor u cioe lil Natalie Micallef, Ivan Borg u lil Joanna Azzopardi, biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom;

Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Nathalie Micallef u lil Ivan Borg, ir-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghat lill-imputat jirregistra ammissjoni fuq liema insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, issibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 325, 221, 338(dd), 324, 251 u 17 tal-Kap 9.

Tiddciedi li tillbera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap 9, torbot lill-imputat ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' € 2300 li jzomm l-bon ordni u l-kwiet.

Il-Qorti spjegat lill-imputat, ir-reponsibilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------